**PROGETT IMPENN**
**Kummissjoni Djocesana Familja – Segretarjat Caritas- Moviment ta' Kana**
**Konferenza Nazzjonali – 22 ta' Ottubru 2008**

# *CHARTER* TAD-DRITTIJIET TAL-FAMILJA
# SANTA SEDE – 22 ta' Ottubru, 1983

1. **INTRODUZZJONI GHAC-*CHARTER***

1.1 **GHAJN:** dak li qalu l-isqfijiet fis-Sinodu fuq il-familja (1980);
Ezortazzjoni Apostolika *Familiaris Consortio* n. 46 (1981)
fejn insibu 13-il dritt fundamntali tal-familja.

1.2 **GHAN:** iqieghed quddiem in-nies ta' zmienna,
insara u mhumiex,
formolazzjoni shiha tad-drittijiet fundamentali
li hemm fin-natura tal-familja,
socjetà naturali u universali.

1.3 **INDIRIZZAT LIL:** gvernijiet,
organizazzjonijiet internazzjonali,
familji infushom,
irgiel u nisa kollha (b'mod partikolari nsara).

2. **PREAMBOLU B u C – Definizzjoni tal-Familja**

- pedament fuq iz-zwieg
- li ma jinhallx
- ghaqda intima ta' hajja bejn ragel u mara
- ghall-ghajnuna ta' xulxin
- jidhlu ghaliha minn rajhom u bla ebda tfixkil
- juru dan quddiem kulhadd
- miftuha ghall-ghoti tal-hajja (par. C).

2.1 Ghandna bzonn ta' definizzjoni ta' Familja?
Jekk ma jkollniex definizzjoni ma nkunux nafu fuqhiex qed nitkellmu preciz
u ma nkunux nistghu niffukaw l-attenzjoni,
l-azzjoni taghna u
l-edukazzjoni li rridu naghtu

2.2 Imma definizzjoni, min-natura taghha ma teskludix lil xi whud?

Iva. Imma jekk inkunu inklussivi ghal kulhadd,
mela nistghu nghidu li d-dinja kollha hija l-familja.
Zgur mhux fuq dan qed nitkellmu illum.

Allura ma nkunux qeghdin naghmlu diskriminazzjoni?
Diskriminazzjoni fis-sens legali tkun qed issir
meta ngibu ruhna differenti ma' min ghandu l-istess kwalitajiet u sitwazzjoni.
Issa jekk il-familja li hija mibnija fuq iz-zwieg
tinghata trattament differenti minn relazzjoni li mhux fiz-zwieg,
ma tkunx qed issir diskriminazzjoni fis-sens legali ghax is-sitwazzjoni mhix l-istess.

2.3 Id-differenzi m'ghandhomx isiru b'mod arbitrarju,
imma ghall-gid komuni,
jigifieri ghaliex huwa ppruvat matul iz-zmien li l-gid tas-socjetà attwali u futur
(mhux ta' grupp partikolari) jitlob hekk.

Ezempju- jezisti qbil li l-ahjar ambjent ghat-trobbija ta' l-ulied hija familja stabbli fiz-zwieg; ghalhekk li l-Istat ma ighinx lil min mhux mizzewweg biex igib tfal fid-dinja ma jkunx qed jiddiskrimina (Proposta bhal din li saret mill-Kumm. Nazz. Familja fil- Kumitat tal-Parlament, 09/05/2005 waqt diskussjoni fuq l-IVF)

2.4 Gew f'idejja in-Noti ghall-Istudji Socjali ta' Form1 (2005) u f'dawn insibu hekk:

> Meta nsemmu l-Familja
> jigu f'mohhna ragel u mara b'xi tfal li joqoghdu f'dar wahda.
> Fil-fatt jezistu tipi ohra ta' familji, skond l-ahhar censiment li sar (2005),
> jista jkollok familja b'genitur wiehed ghax wiehed mill-genituri ikun nieqes, mejjet.
> Jista' jkollok familja ohra, koppja minghajr ulied.

Biex insemmi difett serju wiehed biss f'dawn in-noti, iz-zwieg ma jissemmiex.
Fl-opinjoni tieghi dan it-taghlim x'aktarx imur kontra d-dizpozizzjonijiet tal-ligi ta' l-Edukazzjoni stess.

2.5 Fil-ligijiet ta' pajjizna m'ghandniex definizzjoni tal-familja,
ghaliex il-Legislatur kien qed jehodha *for granted*.
Imma llum nemmen li hemm bzonn li suggett fundamentali bhal dan ma jistax jittiehed *for granted*.

2.6 Nahseb li llum, huwa mportanti wkoll, li naraw x'inhi l-ahjar kelma li ghandna nuzaw?
Ahna qed nitkellmu favur il-**familja naturali,**
u r-ragunijiet ghaliex nippreferu nuzaw l-aggettiv naturali huma hafna:

a) Dan huwa l-aggettiv uzatt fid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Gnus Maghquda (1948) f'art. 16 (3):

*The family is the **natural** and fundamental group unit of society and is entitled to protection by society and the State.*

b) Mill-ewwel turina li l-familja hierga min-natura tal-bniedem;
u li mhix ristretta la minn kulturi u l-anqas mill-istorja b'mod universali;

c) l-aggettiv 'tradizzjonali', xi whud juzawh f'sens pozittiv,
imma ghal ohrajn, itaqqal is-sbuhija tal-familja fl-opinjoni pubblika,
ghaliex jirreferi ghall-passat li m'ghadux jezisti jew adattat ghal lum;

d) l-aggettiv 'naturali' mill-bidu nett jiddefendi l-familja minn xi forma
u mgieba li ma taqbilx ma dak li taghtina n-natura
(e.g. relazzjoni omosesswali jew poligamika)

3. **Pedament fuq iz-Zwieg li ma jinhallx**

Allura d-divorzju jmur kontra l-istess istituzzjoni taz-zwieg u tal-familja (Art. 4 b),
ghaliex id-divorzju jaghti l-impressjoni li zwieg validu jinhall;
u jkisser l-istituzzjoni taz-zwieg.

3.1 Ricerka ricenti fi 18-il pajjiz ta' l-Ewropa, turi li
l-legislazzjoni favur id-divorzju wehidha zzid it-tkisser tal-familja b' 20%
(Gonzales & Viitanen)

3.2 Kull fejn dahal id-divorzju, naqsu z-zwigijiet
zdiedet il-koabitazzjoni
zdied it-tkissir taz-zwieg.

4. **Ghaqda Intima ta' Hajja bejn Ragel u Mara**

4.1 Din hija l-esperjenza li Alla l-Hallieq pogga fil-qalb ta' KULL persuna;
meta l-qalb thassret, ma baqghetx hekk.
Gie Gesu (Mt. 19, 3-6) u rega' irrestawra dak li ghamel Alla sa mill-bidu:

*Il-Farizej: Jista' wiehed jitlaq lil martu fuq xi haga, tkun xi tkun?*
*Gesù: Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Hallieq ghamilhom ragel u mara,*
*Minhabba f'hekk, ragel ihalli lil missieru u 'l ommu*
*u jinghaqad ma'martu,*
*u t-tnejn isiru gisem wiehed.'….*
*Mela, dak li ghaqqad Alla, m'ghandux jifirdu l-bniedem.*

4.2 Issa din il-forma ta' zwieg u familja, saret l-esperjenza nisranija :
– hafna jahsbu li dan hu hekk ghall-insara
u li ghal dawk li mhumiex insara dan jista' ma jghoddx.
- jinsew li Gesu kull ma ghamel kien li rega' hadna ghall-pjan originali ta' Alla.

4.3 Tqil dan it-taghlim? Iva.
Mhux ghalina biss tqil (Mt 19, 10).

*Dixxipli: "Mela, la darba din hija l-kundizzjoni tar-ragel mal-mara,*
*Ma' jaqbilx li wiehed jizzewweg"* (v. 10)

4.4 Imma Gesù baqa' jsostni dak li rrestawra.
Bil-grazzja ta' Alla biss issir possibbli.

Benedittu XVI (*Spe Salvi,* 25) fakkarilna:

*"L-istrutturi t-tajba jghinu, imma wehidhom mhumiex bizzejjed.*
*Il-bniedem ma jista' qatt jinfeda semplicement minn barra."*

**5. ARTIKLU 1 – Iz-Zwieg huwa Dritt Fundamentali ta' kull bniedem**

5.1 Generalment huwa accettat li dritt fundamentali mhux ivvintat mill-bniedem,
Imma jfisser li johrog min-natura tal-bniedem.
Allura l-ebda ligi jew l-ebda Stat ma jaghti dan id-dritt lil xi persuna,
Imma l-Istat ghandu l-obbligu li jirrikonoxxi dan id-dritt u jiddefendih.
Naturalment l-Istat (kif ukoll il-Knisja) bhala harries tal-gid komuni
ghandu d-dmir li jara li
a) jghin lil persuni li jridu jizzewwgu u jkollhom Familja (par. 1b)
b) jipprovdi l-kundizzjonijiet bazici biex wiehed jidhol ghaz-zwieg
b'maturita' u responsabbiltà (par. 1b) u libertà (par. 2)
c) jaghti prijorità lill-mizzewgin fuq dawk li jikkoabitaw (par. 1c)

5.2 Strumenti internazzjonali jirrikonoxxu dan id-dritt fundamentali:

a) L-Istqarrija Universali Dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem (1948), artiklu 16 (1):

*Men and women of full age, without any limitation due to race, nationality or religion,*
*have the right to* ***marry and to found a family***

b) L-istess prinċipju narawh f'Artiklu 12 tal-*Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms* (1970) tal-Kunsill ta' l-Ewropa u Artiklu 9 taċ-*Charter of Fundamental Rights* (2000) ta' l-E.U.

*The* ***right to marry and the right to found a family***
*shall be guaranteed in accordance with the national laws governing the exercise of these rights.*

5.3 Dan id-dritt ghaz-zwieg u ghall-formazzjoni tal-familja,
kultant jiggebbed bhala dritt ghad-divorzju

biex persuna tkun tista' terga' tizzewweg u jkollha familja.

a) Id-divorzju huwa dritt fundamentali tal-bniedem?
Fid-diskussjoniji pubblika li kienet issehh f'pajjizna 10 snin ilu,
kien hemm min kien issemmi d-divorzju bhala dritt fundamentali tal-bniedem.
Dan m'ghadux jissemma izjed.

b) Ghaliex ma jistax ikun dritt fundamentali tal-bniedem?
Dritt biex ikun uman irid johrog min-natura intima tal-bniedem stess.
Id-dritt uman huwa li persuna tizzewweg u tifforma familja.
Ma jistax ikun dritt uman li ma zzomx kelmtek u titlaq familja li tajtha kelma ta' fedeltà
biex tiehu ragel/mara ohra bl-istess kelma ta' fedeltà li tkun qed tikser.

c) Qed jissemma d-divorzju bhala dritt civili. Jaghmel sens?
Dritt civili jidhol fis-socjetà billi jitqieghed fuq il-kotba tal-ligi.
Allura ma taghmilx sens li nghidu:
"Naghmlu legislazzjoni li tintroduci d-divorzju ghax id-divorzju huwa dritt civili".
B'mod korrett kieku irridu nghidu:
"Naghmlu d-divorzju dritt civili billi naghmlu legislazzjoni li tippermettih."
Mela hija cara li d-divorzju mhu dritt xejn, l-anqas civili.

d) Ricenti l-Imhallef Giovanni Bonello semma li
jekk issir kawza fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Strasbourg),
din il-Qorti ghandu mnejn igieghel lil Malta iddahhal id-divorzju.

i) Fit-18 ta' Dicembru, 1986 din l-istess qorti ma laqghetx talba bhal din kontra l-Irlanda
(kaz Johnston vs Ireland).

ii) Fl-1997, l-istess Dr Giovanni Bonello kien ikkwotat li qal:

"Nahseb li ftit jista' jkun hemm success
jekk issir sfida lil din il-ligi fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem……
Ma nahsibx li jezisti pajjiz fl-Ewropa
fejn id-divorzju kien introdott permezz ta' decizjoni tal-Qorti.
Dejjem kien il-Parlament li llegisla favur id-divorzju" (*The Malta Independent*, 16 April 1997 p.21)

iii) Dr Joe Brincat, li meta kien deputat fil-Parlament ressaq *private member's bill*
biex jintroduci d-divorzju, qal:
" Id-dritt li tifforma familja, ma fihx ukoll id-dritt li tiddivorza" (ibid).

**6. ARTIKLU 3 – Dritt li jrawwmu Familja u li jkunu Genituri Responsabbli**

6.1 Kull min jindahal f'dan id-dritt ikun qed jaghmel offiza gravi

kontra d-dinjità tal-bniedem u kontra l-gustizzja
(e.g. Cina, UN - *Committee for the Elimination of Discrimination Against Women*).

6.2 Il-familja ghandha dritt ghal ghajnuna mis-Socjetà ghat-twelid u t-trobbija ta' l-ulied.

**7. ARTIKLU 4 – Il-Hajja tal-Bniedem ghandha tkun Rispettata u Mharsa**
**bl-aktar mod shih**
**sa mill-Ewwel Mument tat-Tnissil taghha.**

7.1 Konsegwenza ta' dan, l-ulied imwieldin fiz-zwieg jew barra z-zwieg
ghandhom l-istess dritt ghall-harsien socjali
bil-ghan li jkollhom zvillupp shih tal-personalità taghhom.

7.2 Konsegwenza ohra hi li dan jghodd ghall-ulied kollha
[iltiema jew ma jistghux jibqghu mal-genituri (art. 4 f);
u b'dizabilità (art. 4g).

7.3 **Abort**

7.4 **Manipolazzjoni ta' l-Embrijuni**

**8. ARTIKLU 5 – Genituri ghandhom id-Dritt Originali,**
**Ewlieni u**
**Hadd ma jista' Jcahhadhom minnu**
**li jedukaw lil uliedhom.**

8.1 Konsegwenzi:

a) skond il-Konvinzjonijiet Religjuzi u Morali taghhom (par. a),
inkluza l-edukazzjoni sesswali (par. c)
b) skond l-ghazla ta' l-iskola u mezzi ohra ta' edukazzjoni (par. b)

8.2 L-Istat ghandu dmir li
a) jassigura li s-sussidji pubblici jitqassmu b'mod
li l-genituri jkunu veramenti hielsa f'din l-ghazla (par. b)
b) fis-sistema obligatorja ta' edukazzjoni jkun hemm formazzjoni religjuza (par. d)

8.3 Kollaborazzjoni genituri – ghalliem – awtoritajiet ta' l-iskola (par. e)

8.4 Il-mezzi ta' kommunikazzjoni socjali jkunu strumenti pozittivi ghall-bini tas-socjetà
u jghinu biex isahhu l-valuri fundamentali tal-familja
u tkun imharsa – specjaliment iz-zghar – mill-effetti negattivi u

mill-abbuz tal-mass media (par. f)

9. **Pjan xieraq ghall-Familja mill-Awtoritajiet Pubblici (*Family Policy*) fl-oqsma guridici, ekonomici, socjali u fiskali.**

Jissemmew

- dritt tal-propjetà privata (art. 9 a)
- ligijiet dwar wirt (art. 9 a)
- ghajnuniet socjali ghar-romol u ltiema (art. 9 b)
- separazzjoni (art. 9 b)
- mard u invalidità (art. 9 b)
- qaghad (art. 9 b)
- kazi specjali fejn il-familja tkun mghobbija b'pizijiet favur xi membri taghha (art. 9 b)
- anzjani ghajnuna fil-familja u meta mhux possibbli fl-istituzzjonijiet (art. 9 c)
- valur tal-familja mharsa anke fil-ligijiet ta' natura penali (art. 9 d)
- fil-qasam tax-xoghol, sistema li ma tfixkilx l-ghaqda, il-gid, is-sahha u s-shuhija tal-familja (art. 10)
- hin ghar-rikreazzjoni (art. 10)
- salarju bizzejjed biex wiehed jifforma u jmantni Familja bid-dinjità – *family wage* jew mizuri socjali ohra (art. 10 a)
- hlas ghax-xoghol li jsir fid-dar min wiehed mill-genituri (art. 10 a u b)
- dar xierqa (art 11)
- drittijiet tal-familji ta' emigranti u refugjati (art. 12)

F'pajjizna ghand m'ghandiex Politika Nazzjonali maqbula dwar il-familja.

**Dun Anton Gouder**